TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/96/16/S

Anthony Cesare
Vs
Charles Cutajar ezercenti l-kummerc bhala Telefonika

Illum 13 t'Ottubru,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Anthony Cesare pprezentata fl-10 ta'Mejju,2016 u r-risposta ta' Charles Cutajar ezercenti l-kummerc bhala Telefonika pprezentata fis-6 ta'Gunju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fis-16 ta'Gunju,2016;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'mobile' li ssewwa izda rega' ma hadimx u r-rikorrent gie infurmat li d-'display' kienet miksura. Min-naha tieghu l-intimat ma qabilx ma' dak allegat mir-rikorrent u sostna li r-rikorrent ma kienx korrett fid-dati imsemmija minnu;

Illi jinghad mal-ewwel li l-'mobile' issewwa u xeghel u l-problema feggghet wara ftit iktar minn gimgha;

Illi l-intimat ta l-informazzjoni kollha dwar il-konstatazzjonijiet maghmula mit-tekniku li sewwa' l-'mobile' kif ukoll id-dati ezatti li ma jaqblux ma' dawk imsemmija mir-rikorrent. Jigi sottolineat li l-konsumatur ghandu dritt ghall-informazzjoni kollha li jirrigwardaw l-ilment tieghu u ghalhekk ikun utli u ideali, li kwalunkwe parti li tinbidel, il-parti li tigi mibdula tinghata lura lill-istess konsumatur. B'hekk jigi evitat kull dubbju fir-rigward;

Illi mic-cirkostanzi tal-kaz, il-verzjoni tal-intimat hi iktar verosimili partikolarment minhabba t-trapass taz-zmien minn mindu inghata lura l-'mobile';

Illi kieku gara kif qed jallega r-rikorrent, hu imissu mar jilmenta qabel u mal-ewwel hekk kif ha lura l-'mobile';

Ghaldaqstant wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba tar-rikorrent Anthony Cesare filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat Charles Cutajar ezercenti l-kummerc bhala Telefonika, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru